# Surmastrijiet b'konnessjoni mal-Ħamrun

kitba ta' Grezio A. Grech

**Fl-artiklu tas-sena l-oħra tajt tagħrif dwar is-Surmast Ħamruniż, Mro. Joseph Abela Scolaro. Din is-sena ser nagħti tagħrif konċiż dwar tliet surmastijiet oħra li wkoll għandhom konnessjoni mal-Ħamrun. Dawn huma, is-Surmast Edgar Lowell, is-Surmast Orlando Crescimanno, u s-Surmast Sqalli, Giovanni Giumarra.**

L-ewwel surmast li dwaru ser nagħti tagħrif bijografiku żgħir hu s-surmast Ħamruniż, Mro. Edgar Lowell. Imwieled il-Ħamrun, ta' eta żgħira tħarreġ fil-klarinett għal sitt snin taħt Mro Giorgio Compagno ta' Bormla. Fis-sena 1925 ingħaqad ma' l-orkestra tat-tijatru Rjal bħala klarinett sekond u wara ħdax-il sena laħaq klarinett prim u dam idoqq ma' din l-orkestra għal diversi snin. Matul dan iż-żmien huwa daqq taħt diversi surmastrijiet magħrufa bħal Contoni, Ferrari, Mule' u oħrajn. Is-surmast Lowell tħarreġ ukoll fl-istrumentazzjoni u l-armonija għal tliet snin, taħt is-surmast Ġużeppi Stivala u kompla jitħarreġ fil-mużika għand Mro. Carmelo Pace.

Fis-sena 1938 inħatar Assistant Surmast tal-Banda Nazzjonali 'La Vallette' tal-Belt Valletta. Kien ukoll inħatar surmast ta' l-allievi ta' din l-istess Soċjeta', kariga li żamm sas-sena 1976. Bejn l-1968 u l-1970 is-surmast Lowell għamilha ta' Aġent Direttur tal-Banda 'La Vallette', waqt li mis-sena 1952 sa l-1976 kien Surmast Direttur tal-Banda 'Żejtun' u mill-1958 sa l-1970 kien Surmast Direttur tal-Banda 'La Stella' ta' Għawdex. Matul dawn is-snin huwa mexxa diversi kunċerti vokali strumentali b'dawn il-baned waqt li f'okkażjonijiet diversi huwa mexxa wkoll il-banda Nazzjonali 'La Vallette.



**Mro. Edgar Lowell**

Fis-sena 1961 huwa kien inkarigat biex jidderrieġi l-Orkestra Professjonali tal-Malta Cultural Institute, waqt li fis-sena 1948 kien inkarigat biex jidderieġi l-operetta 'La Piccola Olandese' fir-Radio City Opera House. F'Mejju tas-sena 1956 huwa dderieġa kunċert strumentali fit-teatru Embassy fl-okkażżjoni tal-Kungress tal-General Workers Union. Is-Surmast Lowell ifforma bosta korijiet u dderieġa kunċerti f'okkażjonijiet ta' prize days waqt li wkoll mexxa għadd ta' kunċerti kemm fit-Teatru Manoel kif ukoll fir-Radio City Opera House.

Is-Surmast Edgar Lowell ikkompona wkoll għadd ta' marċi kemm funebri kif ukoll brijużi. Huwa miet nhar il-11 ta' Frar, 1991, fl-eta ta' 90 sena.

It-tieni surmast li dwaru se nagħti tagħrif huwa s-Surmast Orlando Crescimanno li twieled nhar it-13 ta' Frar, 1861, ġewwa l-Isla, u ġie mgħammed fl-istess Parroċċa nhar is-16 ta' l-istess xahar. Ommu kien jisimha Mikelina Bonnici u missieru kien l-arkitett Giovanni Orlando Crescimanno. Minn diversi dokumenti nafu li Mro. Crescimanno għamel xi żmien jgħix fil-Ħamrun, waqt li meta kien Surmast Direttur tal-banda 'Leone' nafu li kien joqgħod f'Għawdex.

Huwa studja l-arti tal-mużika taħt Mro. Giuseppe Malfiggiani von Walgenschafer u Mro. Anton Nani. Kien idoqq il-vjola fit-Teatru Rjal ta' Malta u fil-Kappelli ta' Nani, Bugeja u oħrajn. Kien ukoll Surmast Direttur tal-baned, 'Unione' (1904-1912) ta' Ħal Luqa, 'San Filip' (1919-1920) u 'De Rohan' (1902-1906) it-tnejn ta' Ħaż Żebbuġ, 'Vilhena' tal-Furjana u tal-Banda Cittadina 'Leone' ta' Għawdex (1911-1923). Mro. Crescimanno kien direttur ta' l-orkestra li kellha fi ħdanha il-Banda 'Leone' li kienet tieħu sehem waqt l-attivitajiet tal-palk li kienu jsiru fit-teatru ta' din l-Għaqda Mużikali Għawdxija.

Mro. Crescimanno ikkompona għadd ta' bċejjeċ mużikali li llum jinsabu mxerrda fl-arkivji mużikali kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Huwa kkompona diversi marċi militari kif ukoll għadd ta' marċi funebri u responsorji. Wieħed mill-isbaħ innijiet funebri li huwa kkompona u li għadu jindaqq sal-



**Mro. Orlando Crescimanno**

lum huwa l-innu funebri 'La Croce' li jindaqq ta' kull sena mill-banda Cittadina 'Leone' ta' Għawdex. Insibu wkoll li s-surmast Crescimanno, ikkompona diversi innijiet kantati sabiex jindaqqu ad unur il-Patrun jew Patruna tal-Belt jew raħal. Hekk insibu li għandu Innu ad unur 'San Ġużepp' li jindaqq mill-banda 'De Rohan' ta' Ħaż Żebbuġ, Innu 'A San Filippo d'Aggira' li jindaqq mill-banda 'San Filep' ukoll ta' Ħaż Żebbuġ, Innu 'Lil Sant' Andrija' u Innu 'Lil Madonna taċ-Ċintura' li jindaqqu mill-banda 'Unione' ta' Ħal Luqa, u l-Innu 'A Maria Assunta' li ta' kull sena l-banda 'Leone' tesegwixxi fil-ħruġ tal-purċissjoni ta' l-Assunta mill-Katidral ta' Għawdex nhar il-15 ta' Awissu.

Mro. Orlando Crescimanno kien ħalla l-banda 'Leone' ta' Għawdex fis-sena 1923 u kien ġie sostitwit b'Mro Giovanni Giumarra. Mro. Crescimanno miet nhar it-22 ta' Diċembru, 1923, ġewwa l-Ħamrun.

It-tielet Surmast li dwaru ser nagħti xi tagħrif huwa, Mro. Giovanni Giumarra, Sqalli, li twieled f'Comiso fis-sena 1861. Hu kien mużiċista, kompożitur u surmat direttur mill-aqwa. Infatti fl-eta' tenera ta' 12-il sena, huwa okkupa l-post ta' Sostituto Maestro u klarinettista solista fil-banda ta' Sortino (Sirakuża) u aktar tard għal erba' snin kien id-Direttur tal-Banda Muniċ ipali ta' Noto.

Mro. Giumarra ġie Malta fis-sena 1907 u matul is-snin kellu taħt it-tmexxija tiegħu il-baned, 'Duke of Edinburgh', illum Għaqda Mużikali 'San Lawrenz' tal-Birgu, 'Leone' ta' Għawdex, u għal xi żmien mexxa wkoll il-banda 'San Ġorġ' ta' Bormla. Il-baned li l-aktar li dam surmast diretttur tagħhom huma, Duke of Edinburgh' li tagħha dam mill-1907 sa l-1924 u mill-1930 sa l-1936, u l-banda Ċittadina 'Leone' li magħha dam mill-1923 sa l-1933. Bħal Mro. Orlando Crescimanno, Mro. Giumarra, meta kien surmast direttur tal-banda 'Leone' ta' Għawdex kien joqgħod f'Għawdex.

Is-surmast Giumarra, barra li kien professur għall-bakketta, kien ukoll professur biex jikkomponi l-mużika. Kompożizzjonijiet tiegħu bħalma huma,



inni, sinfoniji, fantasiji, intermezzi, marċi, sinfoniji, gavotti, pagine caratteristiche, preludji, eleġiji, poemi sinfoniċi, mużika ballabbli, mużika sagra, u marċi funebri u militari, jinsabu mxerrda fl-arkivji f'Malta u f'Għawdex. Insibu wkoll li Mro. Giumarra għamel għadd ta' arranġamenti u riduzzjonijiet mużikali u flimkien ma' għadd ta' traskrizzjonijiet jinsabu mxerrda f'diversi arkivji mużikali fosthom f'dawk li tagħhom huwa kien surmast direttur.

Mużika komposta minn Mro. Giovanni Giumarra ġieli ġiet stampata barra minn Malta u kienet imfittxija fl-Italja, Franza, Amerika, Eġittu, Tuneżija u f'diversi pajjiżi oħra. Kompożizzjonijiet mużikali tiegħu kienu ukoll ippremjati f'konkorsi internazzjonali barra minn Malta. Fil-fatt, kemm fl-1902 kif ukoll fl-1927, diversi kompożizzjonijiet tiegħu kienu ġew mhux biss ippremjati f'konkorsi ta' mużika barra minn xtutna imma kienu wkoll ġew imfaħħra ħafna.

Is-surmast Giumarra ħalla, bħala wirt mużikali, għadd kbir ta' kompożizzjonijiet mużikali li uħud minnhom għadhom jindaqqu sal-lum. Huwa miet il-Ħamrun, nhar l-24 ta' Diċembru, 1936.

**ĦEĠĠU LIT-TFAL JITGĦALLMU L-MUŻIKA. LEZZJONIJIET KULL ĠIMGĦA FIL-KAŻIN SAN GEJTANU**